MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' Novembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 82/15LM

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**

***vs.***

**(1) Bartholomeo *sive* Robbie Debono (K.I. 779853M) f'ismu proprju u għan-nom ta' R&R Waste Kleaners Limited (C-24313); u (2) R&R Waste Kleaners Limited (C-24313) f'isimha proprju**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-29 ta' Jannar, 2015 mis-soċjetà attriċi **GasanMamo Insurance Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Maximilian *sive* Max Borg Bonello debitament awtorizzat għan-nom u in rappresentanza tal-istess soċjetà attriċi, li jgħid kif ġej:

1. *ILLI s-soċjetà intimata R&R Waste Kleaners Limited hija s-sid tal-vettura (ossija 'waste scammel') bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665, liema vettura kienet assikurata permezz tal-polza assikurattiva bin-numru 68469-0189919 maħruġa*

*mis-soċjetà attriċi – u dana kif jirriżulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bħala DOK. GMI.1 sa DOK. GMI.3;*[1]

2. *ILLI fit-22 ta' Lulju, 2002 seħħ inċident meta l-vettura msemmija kienet qed tinstaq mill-intimat Bartolomeo sive Robbie Debono, u f'liema inċident weġġa' serjament Jonathan Sant (ID: 449685M);*

3. *ILLI l-intimat Bartolomeo sive Robbie Debono ma kienx igawdi minn kopertura tal-polza assikurattiva in kwistjoni, stante illi ma kellux il-liċenzja tas-sewqan neċessarja sabiex il-vettura msemmija tinstaq minnu; u kwindi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess polza assikurattiva ma ġewx onorati mis-soċjetà intimata R&R Waste Kleaners Limited u minn Bartolomeo sive Robbie Debono, illi huwa wkoll direttur tal-istess soċjetà;*

4. *ILLI permezz ta' sentenza datata 5 ta' Lulju, 2007 mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Jonathan Sant vs. Bartholomeo sive Robbie Debono, Ronald Debono u R&R Waste Kleaners Limited" (Rik. Nru. 487/2004/TM) l-intimati Bartolomeo sive Robbie Debono u R&R Waste Kleaners Limited ġew iddikjarati bħala unikament risponabbli għall-inċident in kwistjoni u ġew ikkundannati in solidum sabiex iħallsu danni ammontanti għal tnejn u erbgħin elf, mija u erbgħa u għoxrin Liri Maltin (Lm42,124), illum ekwivalenti għal tmienja u disgħin elf, mija u tnejn u għoxrin Euro u tlieta u ħamsin Euroċenteżmi (€98,122.53) oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet – DOK. GMI.4;*[2]

5. *ILLI fis-27 ta' Ottubru, 2009 is-soċjetà attriċi ħallset lill-imsemmi Jonathan Sant is-somma komplessiva ta' mija u sebat elef, tlieta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin Euroċenteżmi (€107,343.87) ai termini tal-obbligi tagħha skont l-art. 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana wara illi ġiet debitament interpellata sabiex tħallas mill-istess Jonathan Sant – DOK. GMI.5 sa' DOK. GMI.9;*[3]

6. *ILLI s-soċjetà rikorrenti sal-lum soffriet danni ammontanti komplessivament fl-ammont ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin Euroċenteżmi (€107,588.45);*
7. *ILLI għal dawn id-danni jaħtu l-intimati in solidum u bejniethom, u dana stante illi s-soċjetà intimata ppermettiet illi l-vettura assikurata f'isimha tinstaq minn persuna illi ma kienx igawdi minn kopertura skond il-polza tal-assikurazzjoni in*

[1] Il-*Proposal Form tinsab a fol.* 8 sa 11, is-*Schedule attaching to and forming part of the policy, a fol.* 12 u il-*Policy* u l-kundizzjonijiet viġenti bejn il-partijiet fi żmien l-inċident, *a fol.* 13 sa 24.
[2] *A fol.* 25 sa 34.
[3] Ittra bonarja tal-Avukat Angelo Farrugia *a fol.* 25, ittra bonarja tas-soċjetà attriċi *a fol.* 36 u 37, *discharge receipt a fol.* 38, kopji taċ-ċekkijiet *a fol.* 39 u 39A, fl-ammonti ta' €4,805.82 u €102,538.05.

*kwistjoni; u stante illi l-intimat Bartolomeo sive Robbie Debono kisser it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, meta saq l-istess vettura mingħajr ma' kellu l-liċenzja tas-sewqan neċessarja sabiex il-vettura msemmija tinstaq minnu u mingħajr ma kien kopert taħt il-polza assikurattiva maħruġa fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665;*

8. *ILLI s-soċjetà attriċi permezz ta' ittra uffiċjali b'numru 1612/2012 datata l-24 ta' Mejju 2012 (hawn annessa u mmarkata "DOK. GMI.10"[4]) interpellat lill-intimati sabiex iħallsu s-somma komplessiva ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin Euroċenteżmi (€107,588.45), iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

9. *ILLI għaldaqstant hemm lok illi s-soċjetà rikorrenti tiġi riżarċita għad-danni illi soffriet minħabba l-aġir abbużiv u illegali tal-intimati u għalhekk qiegħdin jiġu istitwiti il-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, is-soċjetà rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, pevja kull dikjarazzjoni neċessarja jew opportuna:*

1. *Tiddikjara illi bl-egħmil tagħhom l-intimati ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru 68469-0189919 maħruġa mis-soċjetà rikorrenti fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665 proprjetà tas-soċjetà intimata R&R Waste Kleaners Limited;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin Euroċenteżmi (€107,588.45), jew kwalunkwe somma oħra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati, in solidum u bejniethom sabiex iħallsu s-somma hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, u tal-ittra uffiċjali (Numru 1612/2012) datata l-24 ta'*

[4] Kopja ta' ittra uffiċjali tas-soċjetà attriċi lill-konvenuti odjerni u lil Ronald Debono datata 24 ta' Mejju, 2012 *a fol.* 40 sa 42.

*Mejju, 2012***,** *u bl-imgħaxijiet mill-24 ta' Mejju, 2012 sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati illi huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Bartholomeo *sive* Robbie Debono f'ismu proprju u għan-nom ta' R&R Waste Kleaners Limited** u ta' **R&R Kleaners Limted** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Marzu, 2015, u maħlufa minn Bartholomeo *sive* Robbie Debono, li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, stante li s-soċjetà attriċi qed tallega illi t-termini u l-kondizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni ma kienux onorati, u kwindi l-istess Bartolomeo sive Robbie Debono ma kienx allegatament kopert bil-polza tal-assigurazzjoni de quo, l-istess soċjetà attriċi għandha ġġib il-prova illi hija ġiet dikjarata responsabbli sabiex tħallas ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u, f'dan ir-rigward, illi hija kienet ġiet interprellata skont il-liġi sabiex taffetwa tali pagament;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà attriċi, l-esponenti Bartholomeo sive Robbie Debono ma kiser l-ebda termini jew kondizzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni u kwindi huwa kien kopert minn tali polza;*

3. *Illi b'hekk, it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess.*

4. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited ħallset lil Jonathan Sant is-somma komplessiva ta' €107,588.45 *ai termini* tal-obbligi tagħha skont l-artikolu 10 tal-Kap. 104 u dan wara li ġiet interpellata sabiex tħallas mill-istess Jonathan Sant li sofra diżabilità permanenti meta kien involut f'inċident waqt li kien qed jaħdem fuq il-vettura reġistrata fuq is-soċjetà R&R Waste Kleaners Limited, "*waste scammel*" bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS-665 misjuqa mill-konvenut l-ieħor Bartholomeo *sive* Robbie Debono. Jonathan Sant kien interpella lis-soċjetà attriċi sabiex tħallsu wara sentenza fl-ismijiet **Jonathan Sant *vs.* Bartholomeo *sive* Robbie Debono *et***[5] fejn il-konvenuti odjerni ġew iddikjarati responsabbli *in solidum* bejniethom għall-inċident inkwistjoni u ġew ikkundannati jħallsu lil Jonathan Sant id-danni ammontanti għal tmienja u disgħin elf, mija u tnejn u għoxrin Euro u tliet u ħamsin Euro ċenteżmi (€98,122.53), oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet.  F'din il-kawża li hija essenzjalment azzjoni ta' rivalsa, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi (i) l-konvenuti jiġu dikjarati li bl-għemil tagħhom ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva bin-numru bin-numru 68469-0189919 maħruġa mis-soċjetà attriċi fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni

[5] P.A., 05.07.2007, *a fol.*25 sa 34.

HAS-665 proprjetà tas-soċjetà konvenuta R&R Waste Kleaners Limited u li għalhekk il-konvenuti ma kinux koperti bl-imsemmija polza tal-assigurazzjoni; (ii) li jiġu likwidati d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin Euro ċenteżmi (€107,588.45), jew kwalunkwe somma oħra verjuri; u (iii) li l-konvenuti jiġu kkundannati *in solidum* bejniethom sabiex iħallsu s-somma hekk likwidata.

Il-konvenuti qed jilqgħu dawn it-talbiet billi l-ewwel jinsistu li s-soċjetà attriċi ġġib il-prova li kienet interpellata sabiex tħallas u illi hija ġiet dikjarata responsabbli sabiex tħallas *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 u fil-mertu jinnegaw li Bartholomeo *sive* Robbie Debono kiser termini jew kundizzjonijiet tal-istess polza.

**Provi u riżultanzi**

Fix-xhieda tiegħu **Max Borg Bonello**[6], id-*deputy manager* fil-*Motor Claims Department* tas-soċjetà attriċi, jikkonferma li l-konvenut Bartholomeo *sive* Robbie Debono kien il-*policy holder* tal-polza ta' assigurazzjoni numru 684690189919 fejn il-vettura Seddon Atkinson *Refuse Disposal scammel* HAS-665, reġistrata fuq is-soċjetà konvenuta, kienet assigurata permezz tal-imsemmija polza.[7] Il-kopertura kienet *"Third Party Only"* u tkopri *"any licensed driver with your permission aged 21 years or over".*[8] Ix-xhud jispjega

[6] Affidavit *a fol.* 55 sa 58.
[7] Ara x-*Schedule of Insurance, a fol.* 12.
[8] Ara l-*proposal form* li mela l-konvenut Debono, *a fol.* 9.

li wara l-inċident, fid-9 ta' Lulju 2004 il-konvenut Debono kien mar l-uffiċċju tas-soċjetà attriċi biex jirreġistra *claim*[9], però ma kienx ippreżenta kopja tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu bħala xufier tal-i*scammel*.

Ix-xhud Max Borg Bonello jikkonferma li fit-23 ta' Novembru, 2004 is-soċjetà attriċi rċeviet ittra uffiċjali mibgħuta minn Jonathan Sant ai termini tal-artikolu 10 tal-Kap. 104, fejn kien ifurmaha li kien ipproċeda ġudizzjarjament kontra l-assigurat tagħha Bartholomeo Debono, is-soċjetà konvenuta u Ronald Debono u in vista ta' dan Max Borg Bonello kkonferma li s-soċjetà attriċi kienet obbligata tħallas lil Jonathan Sant jekk l-assigurat tagħha Bartholomeo Debono jiġi kkundannat iħallsu danni.

Ix-xhud Borg Bonello jgħid li l-Inkjesta Maġisterjali kondotta mill-Magistrat (illum Imħallef) Jacqueline Padovani Grima kienet ikkonkludiet li Ronald Debono kien saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665 b'manjiera traskurata waqt l-inċident inkwistjoni, mentri l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabitx lil Ronald Debono ħati stante li ma kienx qed isuq l-i*scammel* fil-mument tal-inċident[10] u kkonkludiet li:

> "...fil-fatt it-truck kien misjuq minn missieru Bartolomeo Debono u mhux minnu, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittieħdu proċeduri fil-konfront tal-imputat Ronald Debono stante li jirriżulta li huwa ħa ġurament falz."

---

[9] *Claim form a fol.* 59 sa 61.
[10] **Il-Pulizija *vs.* Ronald Debono**, 09.07.2009, *a fol.* 70 sa 73.

Max Borg Bartolo jispjega wkoll li fl-14 ta' Jannar, 2005 is-soċjetà attriċi rċeviet l-affidavit ta' Jonathan Sant ippreżentat fl-atti tal-kawża Ċitaz. 487/2004/TM fejn Ronald Debono xehed li kien Bartholomeo Debono li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665 waqt l-inċident u "li ma kellux l-i*special licence* biex isuq l-i*scammel*." Fil-fatt bis-sentenza tal-5 ta' Lulju, 2007 Ronald Debono kien ġie liberat mill-osseranza tal-ġudizzju għax irriżulta li kien Bartholomeo Debono li kien qed isuq il-vettura u dan flimkien mas-socjetà R & R Waste Kleaners Limited ġie dikjarat responsabbli *in solidum* għall-incident li seħħ fit-22 ta' Lulju, 2002.

Ix-xhud Max Borg Bartolo jispjega li fil-mument tal-inċident kien hemm viġenti mhux il-*Policy and Conditions* li ġew ippreżentati mar-Rikors Maħluf *a fol.*13 sa 24 tal-proċess, però dawk esebiti mal-affidavit tiegħu *a fol.* 64 sa 69 tal-proċess, fejn *a fol.* 68, taħt it-titolu *Exceptions to this Policy,* paragrafu 9 sub-paragrafu (iii), jingħad illi l-polza ma tkoprix:

> *"9. Any liability while any Motor Vehicle insured by the Policy is being:*
>
> > *iii. Driven by any person who has been disqualified from driving or has not held a driving licence to drive the Motor Vehicle or is prevented by law from holding one."*

Barra minn hekk ix-xhud jgħid illi din il-polza kienet teskludi wkoll:

> *"liability for the death of or bodily injury to any employee arising out of or in the course of his/her employment by anyone We insure under this Policy."*[11]

[11] Kif jirriżulta minn dik il-parti tal-polza intestata"General Exceptions", numru 2, paġna 5.

Max Borg Bonello jispjega li s-soċjetà attriċi kienet anki ppreżentat kwerela lill-Pulizija biex jittieħdu passi kontra Bartholomeo Debono talli ġiegħel lil ibnu Ronald Debono jixhed il-falz billi jgħid li kien hu li kien qed isuq il-vettura waqt l-inċident biex ma tiġix annullata l-polza ta' assigurazzjoni.[12] Ix-xhud Max Borg Bonello jispjega li s-soċjetà attriċi rċeviet ittra datata l-1 ta' Ottubru, 2009[13] mingħand l-avukati ta' Jonathan Sant fejn talbu l-ħlas ta' €121,857.13 u dan minħabba l-fatt li kienet intbagħtet ittra uffiċjali fil-bidu tal-kawża inkwistjoni skont il-Kap. 104. Din is-somma kienet tinkludi wkoll imgħaxijiet akkumulati u spejjeż in konnessjoni mal-appell intavolat minn Jonathan Sant. Peress li dan l-appell kien ġie rtirat minn Jonathan Sant u għalhekk l-ispejjeż relatati ma' dan l-appell ma kellhiex tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi u kienu akkumulaw imgħaxijiet għal sentejn bla bżonn, kien intlaħaq qbil bejn is-soċjetà attriċi u Jonathan Sant li l-ammont li kellha tħallas is-soċjetà attriċi lil Jonathan Sant kellu jkun fis-somma ta' €107,588.45 (sorte, imgħax u spejjeż). Fl-24 ta' Mejju, 2012[14] is-soċjetà attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut Bartholomeo sive Robbie Debono, lil Ronald Debono u lis-soċjetà R&R Waste Kleaners Limited fejn talbithom iħallsu s-somma ta' €107,588.45 rappreżentanti danni u spejjeż ġudizzjarji illi kienet ħallset is-soċjetà attriċi lil Jonathan Sant.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** rappreżentant tal-Awtorità tat-Transport f'Malta li qal[15] li biex wieħed issuq vettura tat-tip s*cammel* bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS-665, irid ikollu liċenzja tas-sewqan li tikkomprendi l-kategorija D, ċjoè vetturi ta' 'l fuq minn seba' tunnellati u nofs. Brian Farrugia jgħid illi

[12] Kwerela *a fol.* 62 u 63.
[13] *A fol.* 35 datata 1 ta' Ottbru, 2009.
[14] *A fol.* 40 sa 42.
[15] *A fol.* 92 u 93.

Bartholomeo Debono fid-data tal-inċident inkwistjoni kellu liċenzja tas-sewqan taħt il-kategorija B, B1, u C1, imma ma kellux liċenzja taħt il-kategorija D.

Is-soċjetà attriċi rrinunzjat li ttella' bħala xhud tagħha lil **Jonathan Sant** u dan wara diversi tentattivi li għamlet biex tinġunġih biex jagħti d-depożizzjoni tiegħu, anki bl-għajnuna tal-marixxalli, liema tentattivi però ma rnexxewx.

Xehed ukoll **Bartholomeo *sive* Robbie Debono**[16] li qal li minn mindu kellu għoxrin jew wieħed u għoxrin sena, illum għandu erbgħa u sittin, kien dejjem isuq trakkijiet ma' missieru s-Sibt u Ħadd u matul il-ġimgħa kien isuq il-karozzi tal-linja. Il-konvenut Bartholomeo Debono jgħid li kellu liċenzja *special* biex isuq kollox minn meta kien beda jsuq u din il-liċenzja qatt ma kien ċedieha.

In kontroeżami l-konvenut Bartholomeo sive Robbie Debono jgħid[17] li bl-i*special licence* seta' jsuq anki *trailers* u jgħid ukoll li fi żmien l-inċident kellu l-liċenzja l-qadima. Bartholomeo Debono qal illi għal vetturi normali wieħed kien ikollu liċenzja bajda u għall-i*special* qal illi jekk jiftakar sew il-liċenzja kienet ħadra. Il-konvenut jgħid li għall-i*special licence* kien għamel xi eżami, però jammetti li meta ġeddewlu l-liċenzja ma kienx jaf x'għamlulu għax ma jafx jaqra u qal li ma kienx jaf x'għandu u qatt ma ċċekkja. Barra minn hekk qal illi ma setax jippreżenta l-liċenzja l-ġdida għax kien ramieha.

Xehed ukoll **Francis Borg** prodott mill-konvenuti[18] li kien pulizija tat-traffiku bejn l-1966 sal-1980 u qal li jiftakar lil Bartholomeo Debono isuq ix-xarabanks.

---

[16] *A fol.* 131 sa 133.
[17] *A fol.* 133 sa 135 u 163 sa 167.
[18] *A fol.* 137 u 138 tal-proċess.

Ix-xhud jgħid li jaf li llum Debono għandu *scammel,* però ma jidhirlux li dan isuqu hu.

Xehdet ukoll **Sylvana Bartolo**[19], rappreżentanta oħra tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta, li ċċekkjat is-sistema l-antika tal-liċenzji tal-vetturi li kienet miżmuma qabel mill-Korp tal-Pulizija u ma rriżultalhiex li Bartholomeo Debono qatt kellu liċenzja tas-sewqan kategorija D jew C. Din is-sistema manwali li kienet f'idejn il-Pulizija, illum qiegħda għand l-Awtorità tat-Trasport f'Malta '*under lock and key.'* Dak li kienu għaddewlhom il-Pulizija kienet id-*database* u mhux l-arkivji l-antiki nfushom. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-liċenzja tas-sewqan li kellu Bartholomeo Debono[20] minn fejn jirriżulta li din kienet maħruġa fl-1996 u li ma kinitx tinkludi l-kategoriji C u D għax kien hemm 'N' ħdejhom, li tfisser *"No".* Is-sistema l-antika kienet tinkludi anki l-i*special* licence. Din ix-xhud tgħid li fl-2002, fi żmien l-inċident, Bartholomeo Debono ma kellux l-i*special licence* u lanqas qabel ma kellu għax kieku kienet tiġġeddidlu kif kienet. Ix-xhud tgħid li Bartholomeo Debono kellu biss liċenzja tas-sewqan taħt il-kategoriji B, B+E, C1 u C1+E, li mbagħad kienet ġiet imġedda fl-2006, ċjoè kull għaxar snin.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

L-iskop tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), huwa li ma jitħallewx vetturi fit-toroq mingħajr ma jkollhom kopertura assigurattiva fir-rigward ta' danni fuq proprjetà ta' terzi

[19] *A fol.* 154 sa 160.
[20] *A fol.* 161.

jew danni fuq il-persuna ta' terzi. Fil-fatt l-artikolu 12(3) tal-Ordinanza jipprovdi li:

> "(3) Kull klawżola li tinsab fil-polza tal-assigurazzjoni maħruġa skont l-artikolu 4(1) li teskludi mill-kopertura tal-assigurazzjoni taħt il-polza l-użu jew is-sewqan ta' vetturi bil-mutur minn –
>
> (*a*) persuni li ma jkollhomx awtorizzazzjoni għaldaqstant espressa jew impliċita; jew
>
> **(*b*) persuni li ma jkollhomx liċenza li tippermettihom isuqu l-vettura bil-mutur inkwistjoni**[21]; jew
>
> (*ċ*) persuni li jiksru l-ħtiġiet tekniċi stabbiliti li jirrigwardaw il-kondizzjoni u s-sigurtà tal-vettura bil-mutur inkwistjoni,
>
> **tkun invalida fir-rigward ta' talbiet għad-danni minn terzi**[22]:
>
> Iżda l-klawżola msemmija fil-paragrafu (*a*) tista' tiġi invokata kontra persuni li jkunu volontarjament daħlu fil-vettura bil-mutur li l-użu tagħha ikun ikkaġuna l-ħsara jew il-feriment, jekk l-assiguratur awtorizzat jista' jipprova li dawn il-persuni kienu jafu li l-vettura bil-mutur kienet misruqa jew li tkun ġiet użata mingħajr awtorizzazzjoni."

Jonathan Sant effettivament ġie riżarċit id-danni sofferti minnu mis-soċjetà attriċi għad li fil-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665 proprjetà tas-soċjetà konvenuta R&R Waste Kleaners Limited misjuqa mill-konvenut Bartholomeo Debono, kien hemm l-esklużjoni tal-kopertura tal-assigurazzjoni fejn:

> *"9. Any liability while any Motor Vehicle insured by the Policy is being:*

[21] Enfażi tal-Qorti.
[22] Enfażi tal-Qorti.

*iii. Driven by any person who....or has not held a driving licence to drive the Motor Vehicle or ...”*

Illi l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 jipprovdi li:

> “**10.** (1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta’ assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li għandha titħallas bis-saħħa ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b’att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista’ tiġi enforzata kontra tiegħu.”

Biex tiffaċilita l-possibilità li kumpannija tal-assigurazzjoni tista’ tirregola u tintervjeni f’kawżi bejn terz u persuna li kellu l-vettura assigurata ma’ tali kumpannija tal-assigurazzjoni, l-artikolu 10 tal-Kap. 104 jipprovdi illi:

> “(2) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan l-artikolu-
>
> *(a)* b’effett ta’ sentenza, kemm-il darba qabel jew fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, ma jingħatax avviż ta’ dak il-proċediment b’att ġudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat; jew....”

Il-konvenuti jeċċepixxu li s-soċjetà attriċi trid qabelxejn iġġib prova li ġiet iddikjarata responsabbli sabiex tħallas *ai termini* tal-artikolu 10 tal-Kap. 104 u u, f'dan ir-rigward, illi hija kienet ġiet interprellata skont il-liġi sabiex taffetwa tali pagament. Filwaqt li s-soċjetà attriċi ppreżentat tista' tgħid id-dokumentazzjoni relattiva kollha in sostenn tat-talbiet tagħha, inkluż ittri bonarji bejn il-partijiet, għar-rigward tal-ittra uffiċjali rikjesta mil-liġi li għandha tiġi ppreżentata qabel jew mill-anqas fi żmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza[23], l-uniku prova dwar l-imsemmija ittra uffiċjali saret permezz ta' dikjarazzjoni mix-xhud Max Borg Bonello, id-*deputy Manager* fil-*Motor Claims Department* tas-soċjetà attriċi li fit-23 ta' Novembru, 2004 is-soċjetà attriċi kienet irċeviet ittra uffiċjali mingħand Jonathan Sant skont l-artikolu 10 tal-Kap. 104, li kienet tgħid li huwa kien ipproċeda ġudizzjarjament kontra l-assigurat tagħha, is-soċjetà konvenuta u Ronald Debono u in vista ta' dan Borg Bonello kkonferma li huma kienu obbligati jħallsu lil Jonathan Sant jekk l-assigurat tagħha jiġi kkundannat jħallas danni.

Illi filwaqt li huwa minnu li hawnhekk ma ġietx imressqa l-aħjar prova kif is-soċjetà attriċi kienet obbligata li tagħmel, mill-banda l-oħra huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed ikun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[24] Hemm ukoll il-prinċipju li jekk xhud wieħed jiġi emmnut, dan ikun biżżejjed għall-Qorti. Wara kollox anki fil-kamp tad-dritt kriminali fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant mhux biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, imma irid ikun ogħla

---

[23] Sentenza fl-ismijiet **Jonathan Sant *vs.* Bartholomeo *sive* Robbie Debono et,** 05.07.2007, liema sentenza għalkemm ġiet appellata, l-appell ġie eventwalment irtirat.

[24] Ara **Caruana *vs.* Laurenti** – P.A., 08.04.1994, **Borg *vs.* *Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A.,17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace,** Kollez.Vol.LXX.II.144 u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kum., 25.02.1952.

minn hekk u lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni, xhud wieħed jista' jkun biżżejjed, jekk jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-kredibilità tax-xhieda tiegħu.[25]

> "Issa, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar … ."[26]

Ġie ritenut ukoll illi:

> " … f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."[27]

Dan ovvjament japplika aktar u aktar fil-kamp ċivili. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Alfred Aquilina *et vs.* L-Avukat Dottor Alessandro Lia *et noe et*.**[28]

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi ma tarax għaliex m'għandhiex temmen lix-xhud Max Borg Bonello meta qal li fit-23 ta' Novembru, 2004 is-soċjetà attriċi kienet irċeviet ittra uffiċjali mingħand Jonathan Sant skont l-artikolu 10 tal-Kap. 104.

Illi ladarba s-soċjetà attriċi ħallset is-somma dovuta mill-assigurat tagħha skont is-sentenza tal-Qorti u abbażi tal-*proviso* tal-artikolu 12 tal-Kap. 104, is-soċjetà attriċi tista' sussegwentement iddur kontra l-assigurat tagħha:

> "Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jħallas somma minħabba r-responsabbiltà ta' persuna għal ħaġ'oħra

[25] Qorti tal-Appell Kriminali datata 28.09.2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Marco Bugeja**.
[26] Ara l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[27] L-artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[28] Datata 13.03.2017.

ħlief biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbiltà, u kull somma mħallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tiġi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-saħħa biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittieħed lura mingħand dik il-persuna."

Illi kif ġie affermat f'diversi sentenzi tal-Qrati tagħna rigwardanti l-artikolu 12 tal-Kap. 104, ir-restrizzjonijiet fil-polza ma jistgħux jiġu invokati kontra t-terz u s-soċjetà assiguratriċi hija obbligata li tindennizza lit-terz danneġġjat. Fis-sentenzi fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited *noe. vs.* Simon Tabone**[29] jingħad:

"Rigwardata taħt it-tieni aspett, senjatament l-Art. 12 tal-Kap 104, ġie sewwa raġunat mis-soċjetajiet appellati illi f'kull każ is-soċjetà assikuratriċi hija obbligata li tindennizza lit-terz danneġġjat għall-ħsarat sofferti u dan nonosante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva "għall-età ta' min ikun qed isuq il-vettura" subparagrafu (f) ta l-Artikolu 12(1). Ir-rimedju akkordat mil-liġi lis-soċjetà assikuratriċi hu biss wieħed ta' rivalsa kontra l-persuna assigurata.

......*omissis*......

Minn dak deżunt mill-Kap. 104 huwa ovvju illi l-Qorti ma tistax tintrattjeni talba li tippermetti lis-soċjetà appellanti biex, kif jingħad minnha, l-kundanna mposta fuq il-konvenut fis-sentenza appellata ma tkunx tista' tiġi riżarċita direttament minnha. Anke jekk talvolta s-soċjetà appellanti għandha raġuni serja u valida biex il-polza ma tirrispondiex fil-kuntest minnha prospettat din l-istess raġuni, kif fuq manifest skond it-test tal-liġi, ma tistax tarresta d-dritt tat-terz danneġġjat."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Koronata Azzopardi *et vs.* Paul Sultana *et***[30], ingħad:

"Waħda mir-responsabbiltajiet koperti hu proprju l-feriment lil terzi persuni. Għalhekk f'dan il-każ partikolari l-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-

[29] App. Inf., 28.04.2004.
[30] Q. Maġ. (Għawdex)(Sup.), 15.04.2008.

fatt waħdu li taħt il-polza Paul Sultana ma jikkwalifikax bħala *"authorized driver"* dan għandu jwassal sabiex l-atturi ma jkunux jistgħu jitħallsu mingħand il-kumpannija assiguratriċi għad-danni subiti fil-moħriet u anke dawk li sofriet fil-persuna tagħha l-attriċi Concetta Azzopardi. Dan in kwantu b'liġi kwalsiasi restrizzjoni f'dan is-sens li jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni ma jista' jkollha l-ebda effett fil-konfront tat-terza persuna li tkun weġġħet fl-inċident tat-traffiku."

Illi fil-mertu l-konvenuti jeċċepixxu li mhija dovuta ebda rifużjoni ta' flus lis-soċjetà attriċi 'l għaliex Bartholomeo *sive* Robbie Debono effettivament seta' jsuq l-i*scammel* u ma kien hemm ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni u huwa għalhekk kien kopert minn tali polza. Il-konvenuti jsostnu li kien biss minħabba 'żball amministrattiv' li Bartholomeo Debono spiċċa mingħajr liċenzja tas-sewqan għall-kategorija C u D, ċjoè għal dawk il-vetturi ta' piż ta' 'l fuq minn 3,500 kilogrammi bħall-i*scammel* tas-soċjetà konvenuta.

Mill-provi li tressqu kemm mis-soċjetà attriċi u anki mill-konvenuti, jirriżulta li mill-1996 'il hawn Bartholomeo Debono qatt ma kellu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C jew D. Minkejja li Bartolomeo Debono fix-xhieda tiegħu jgħid li kien ilu għexieren ta' snin isuq trakkijiet u xarabanks, u li fil-passat kellu *special licence,* meta ġġedded il-liċenzja tas-sewqan tiegħu mill-1996 'il quddiem, din qatt ma ġiet imġedda għal kategorija C jew D. Sylvana Bartolo rappreżentanta tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta fix-xhieda tagħha tispjega illi fl-1996 l-Awtorità kienet ingħatat ir-responsabbiltà għal-liċenzji tas-sewqan u mill-kopja tar-rekords arkivjati tal-liċenzji tas-sewqan mgħoddija lill-Awtorità mill-Korp tal-Pulizija ma rriżultalhiex li fil-passat Bartolomeo Debono kellu *special licence*. Li kieku rriżulta li Debono kellu *special licence*, din kienet tiġi konvertita f'liċenzja tas-sewqan f'kategorija C jew D.

Il-Qorti hija tal-fehma li Bartholomeo Debono ma jistax jinħeba wara l-iskuża li għax ma jafx jikteb u jaqra, sar xi żball amministrattiv u ad insaputa tiegħu l-i*special licence* li kellu qabel, li kienet ekwivalenti  għal-liċenzja tas-sewqan tal-kategoriji C u D, ma ġietx imġedda mill-Awtorità bħala liċenzja tas-sewqan tal-istess kategorija. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għax mill-provi li ġew prodotti mis-soċjetà attriċi, irriżulta li Bartholomeo Debono ttenta jaħbi l-fatt li kien hu li kien qed isuq il-vettura waqt l-inċident inkwistjoni u saħansitra ġiegħel lil ibnu Ronald Debono, li kellu liċenzja tas-sewqan tal-kategoriji rikjesti, jaħlef il-falz fi proċeduri kriminali biex jgħid li kien hu li kien qed isuq l-i*scammel* u b'hekk il-konvenuti ma jkollhomx jirrimborsaw il-flejjes mħallsa mill-assigurazzjoni lil Jonathan Sant.

Fil-kamp ċivili meta Qorti tkun rinfaċċjata b'xhieda kontradittorja:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għalarieda e.g. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk

fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinaiment tal-gudikant".[31]

Illi fil-każ odjern il-Qorti hija rinfaċċjata bl-allegazzjoni tal-konvenut Bartholomeo Debono, kontradetta mid-dokumentazzjoni uffiċjali esebita, li hu kellu *special licence* u li kien minħabba żball amministrattiv li din ma kinitx imġedda skont ir-*records* uffiċjali. Il-Qorti ma tistax temmen din il-verżjoni ta' Bartholomeo Debono li ma dejjaq xejn iġiegħel lil ibnu jaħlef il-falz. Barra minn hekk, mistoqsi mill-Qorti dwar it-tiġdid tal-liċenzja, l-konvenut Bartholomeo Debono wera retiċenza biex jirrispondi, anzi qal li hu ma kien ġedded xejn.[32] Il-konvenut ma jista' jwaħħal f'ħadd għat-traskuraġni tiegħu, jekk dan kien tassew każ ta' traskuraġni u ma kienx konxju li ma ġedditx il-liċenzja tas-sewqan fil-kategoriji C u D. Ċertament kien hemm traskuraġni grossolana da parti tal-konvenut Bartholomeo Debono li ma żgurax li jkollu liċenzja tas-sewqan fil-kategorija rikjesta u ċertament ma jistax jgħid li ma kiser ebda kundizzjoni tal-polza tal-assigurazzjoni li kellu.

Tqis illi l-azzjoni attriċi fil-mertu ġiet ippruvata sal-grad probatorju rikjest mil-liġi. Is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-*claim form* li kien mela l-konvenut Bartholomeo Debono.[33] Mid-dokumentazzjoni esebita mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li l-konvenut Bartholomeo Debono u s-soċjetà konvenuta ġew iddikjarati responsabbli għall-inċident inkwistjoni b'sentenza finali tal-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi li Jonathan Sant baqa' ma nstabx biex jitla' jixhed fil-proċeduri odjerni, is-soċjetà attriċi ġabet l-aħjar prova li fil-fatt ħallset l-ammonti dovuta lil msemmi Jonathan Sant mill-konvenuti *in solidum*. Is-soċjetà attriċi

[31] **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella,** Q.A., 05.10.2001.
[32] *A fol.* 165.
[33] *A fol.* 59 sa 61.

ppreżentat kopja taċ-ċekkijiet mibgħuta lill-avukat difensur ta' Jonathan Sant[34] u kopja tad-*discharge sheet* iffirmata minn Jonathan Sant u mill-avukat difensur tiegħu.[35]

Tqis għaldaqstant li l-konvenuti *in solidum* bejniethom għandhom jirrifondu lis-soċjetà attriċi s-somma li din kienet ħallset lil Jonathan Sant ai termini tal-Kap. 104. Dan il-ħlas hu dovut ukoll abbażi tal-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili dwar l-arrikkiment indebitu ossija *l-actio de in rem verso,* li llum jinsabu kkodifikati fil-Kodiċi Ċivili.[36]

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li l-konvenuti bl-għemil tagħhom ma onorawx it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assigurattiva numru 68469-0189919 maħruġa mis-soċjetà attriċi fir-rigward tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAS-665 proprjetà tas-soċjetà konvenuta R&R Waste Kleaners Limited;**

[34] *A fol.* 39 u 39A.
[35] *A fol.* 38.
[36] Art. 1028A u 1028B tal-Kodiċi Ċivili.

**3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi fis-somma ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€107,588.45);**

**4. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu s-somma ta' mija u sebat elef, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€107,588.45) lis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited;**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Maħluf u tal-ittra uffiċjali numru 1612/2012 datata 24 ta' Mejju, 2012 u bl-imgħax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *in solidum.***

Moqrija.